MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 467/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Agius talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xahar ta' Marzu 2012 u fix- xhur ta qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut bil- kuntratt naqas li jaghti lil Dolores Agius u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is- somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-3 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemi George Agius hati u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ George Agiusipprezentat fil-15 ta’ Ottubru 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontrih, minn kull piena u htija, u, fin-nuqqas, illi tbiddel u tirriforma l-ewwel sentenza billi tnehhi jew tnaqqas il-piena mposta, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti : (1) li l-imputazzjoni kif redatta mhijiex cara u ma tissodisfax il-vot tal-ligi peress illi, apparti li ssemmi x-xahar ta’ Marzu 2012, ma ssemmix liem’huma x-xhur “ta’ qabel”; (2) li l-ewwel Qorti ma tatx differiment sabiex ikun maghruf l-ezitu ta’ rikors li kien ipprezenta quddiem il-Qorti tal-Familja; (3) li, bla pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena hi harxa wisq.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju huwa minnu li fic-citazzjoni l-perijodu li dwaru qieghed jinghad illi l-appellant ma hallasx il-manteniment huwa “ghax-xahar ta’ Marzu 2012 u fix-xhur ta’ qabel”. Huwa minnu wkoll illi kien ikun ahjar li kieku gew specifikati x-xhur kollha li dwarhom inghad li ma thallasx il-manteniment. Fin-nuqqas ta’ hekk, pero`, ma jistax jinghad illi c-citazzjoni kif redatta ma tissodisfax il-vot tal-ligi. Apparti dak li ntqal ta’ spiss fil-gurisprudenza nostrana li c-citazzjoni hija kkunsidrata bhala *avviso a comparire*, bhalma solitament gie ritenut, il-kliem “ix-xhur ta’ qabel” ghandu jitqies bhala referenza ghal-limitu tal-perijodu preskrittiv, f’dan il-kaz, a tenur ta’ l-ewwel *proviso*

ta’ l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-perijodu ta’ sitt xhur.

**7.** Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-appellant li l-ewwel Qorti kellha tistenna l-ezitu tar-rikors, ossia talba ghal medjazzjoni, li kien ghamel l-appellant. Il-proceduri kriminali jimxu indipendentement mill-proceduri civili. Fi kwalunkwe kaz, quddiem din il-Qorti giet ipprezentata mill-appellant kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja u ghalhekk issa l-ezitu hu maghruf.

**8.** It-tielet aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jghid illi huwa agixxa tempestivament billi beda proceduri ta’ medjazzjoni biex il-vertenza tissolva. Mid-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta’ Ottubru 2012 jirrizulta li t-talba ta’ l-appellant giet michuda, il-proceduri tal-medjazzjoni dikjarati maghluqa u l-partjiet (l-appellant u martu) awtorizzati jipprocedu skond il-ligi. L-appellant jghid ukoll illi l-kondizzjoni fizika tieghu hi mweghra hafna bil-puplesiji li tawh u ghandu parti minn gismu kompletament ipparalizzat u jsibha difficli biex jimxi u jitkellem sew – dan waqt li martu tohrog tahdem kuljum. Ghalhekk l-appellant jghid li l-piena ghandha tigi varjata.

**9. Dolores Agius**, mart l-appellant, xehdet illi minn meta nghatat is-sentenza tat-2 ta’ Lulju 2009 (li tinsab esebita a fol. 3 sa 9 tal-process) zewgha l-appellant qatt ma taha manteniment. Tghid li kellu hanut tal-pastizzi u biegh l-apparat minghajr ma taf u ma taha xejn. Ikkonfermat li l-appellant kienu tawh zewg *strokes*, wahda minnhom hafifa, izda sostniet li issa huwa tajjeb.

**10. L-appellant** xehed illi d-dhul tieghu jikkonsisti f’€450 fix-xahar li jippercepixxi bhala beneficcji ghall-mard. Huwa qal li ghandu nofs gismu paralizzat. L-apparat li kellu fil-hanut remieh ghax mhux tajjeb ghallum, u kellu jhallas Lm70 biex igorruh. Qabel ma beda jircievi l-beneficcji socjali kien imur ghand hutu u jiekol minn hemm.

**11.** Fis-sentenza msemmija tat-2 ta’ Lulju 2009 il-Qorti tal-Familja kienet stabbilixxiet il-manteniment fl-ammont ta’ €15 fil-gimgha wara li qieset illi “il-konvenut ghalkemm

illum ma jahdimx jippercepixxi pensjoni u mhux sew li ma jahllas xejn manteniment lill-attrici". Jigifieri dik il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kondizzjoni ta' l-appellant. Dik id-decizjoni ghadha vigenti u l-appellant irid josservaha sakemm ma tigix revokata jew varjata mill-Qorti kompetenti.[1]

**12.** Peress illi din kienet l-ewwel darba li ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant u l-fedina penali tieghu hija kwazi ghal kollox netta, din il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha tiddisponi dwar il-piena mod iehor billi anke tordna li jhallas lil martu s-somma relattiva ghal perijodu ta' sitt xhur, u cioe` ghax-xhur minn Ottubru 2011 sa Marzu 2012, it-tnejn inkluzi, u dan fis-somma ta' €375 (25 gimgha bil-€15 fil-gimgha).

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi George Agius ghal gimaghtejn detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap, 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sena millum. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 24(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jhallas lil martu Dolores Agius is-somma ta' €375 kumpens ghall-manteniment dovut ghall-perijodu ta' sitt xhur minn Ottubru 2011 sa Marzu 2012, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma akbar dovuta lill-imsemmija Dolores Agius. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara, fost ohrajn, Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri**, 18 ta' Settembru 2002.